ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Ħamis, 31 ta' Otturbru 3013 fis- 6.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;

2. Taghrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Ottubru 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Ottubru 2013;

5. Ambaxxatur tal-Kunsill;

6. Attivitajiet tal-Milied;

7. EU Funds;

8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 12 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Taghrif mill-Minuti**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jibbenefika mill-Skema tal-ETC fejn il-Kunsill jista jimpjega persuna b'dizabilita w din tithallas parti mill-ETC u parti mill-Kunsill. Qal li din il-ersuna tkun tista tibda tigbor il-hlasijiet li jsiru l-Kunsill ghax l-Officer, is-Sinjura Donna Mallia mhux qed tlahhaq.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li l-ewwel ikun jaf kemm trid tithallas din il-persuna. Is-Sinjura Agius qalet li naraw ukoll x'hini li Skema l-ohra LEAP fejn waqt il-laqgha li attendiet hi ukoll sar diskors dwar impieg ta' persuni b'dizabilita. Il-Kunsill qabel.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn bagħatu Memo 25/2013 dwar Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2013-2014 anness applikazzjoni u linji gwida.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu dwar stedina għal konsultazzjoni pubblika dwar '*Green Economy*', fl-1 ta' Novembru, 2013al ħ

.

Infurmaw ukoll li fit-13 ta' Novembru, 2013, il-President tal-AKL jixtieq jiltaqa mas-Sindku u Kunsillieri.
Bagħatu wkoll dwar il-laqgħa tal-Kunsillieri li ser isir fis-7 ta' Diċembru, 2013, ġewwa lukanda Dolmen, il-Qawra. Ghal din il-laqgha ser tattendi il-Kunsilliera Agius.

3. Mill-MEPA fejn infurmaw li l-konsultazzjoni pubblika dwar il-Pjan Lokali għalqet u stqasew jekk bħala Kunsill bagħatniex il-kummenti tagħna,

fejn anness hemm ukoll il-proposti li għandhu l-Kunsill Lokali fir-rigward.

4a plenarja

. Mid-Direttorat tal-*Lifelong Learning,* fejn ser issir sezzjoni dwar is-servizzi li qed joffru huma bħala direttorat fit-13 ta' Novembru, 2013, ġewwa l-Furjana. Ser tattendi is-Sinjura Schembri.

5. Minn St.Vincent de Paule, fejn infurmaw li ser tiġi organizzata fiera bejn l-20 u l-24 ta' Novembru, 2013.

ĦAL GĦAXAQ

6. Mingħand l-HSBC fejn baghtut d-dokumenti kollha neċċessarji sabiex ikun jista' jinfetaħ il-*Merchant Account* mitlub mid-Dipartiment sabiex jibdew jitħallsu permessi *on-line*.

7. Mingħand is-Sur Soler fejn bagħat r-rati ta' kemm jitħallsu l-*green wardens* .

8. Mingħand is-Sur Hannibal Debono ta' Triq il-Qattus, fejn qed jitlob sabiex issir *crash barriers*. Il-Kunsill qabel li s-Sur Debono jikteb lil Transport Malta dwar dawn il-barriers.

9. Minghand LAE fejn qed joffru servizzi għal attivitajiet kulturali li jista' jorganizza l-Kunsill Lokali.

10. Mill-GAL Xlokk fejn infurmaw li saret laqgħa fid-29 t'Ottubru, 2013, ġewwa l-Kunsill Lokali taz-Zejtun a

11. Mingħand is-Sur Mifsud dwar tismija ta' sqaq (pjanta annessa). Is-Sindku qal lid an jissemma Sqaq San Mikiel izda ntqal li jigi msemmi Sqaq Nru 1 fi Triq Fidloqqom.

12. Mingħand Maria Schembri, fejn qed tinforma li toffri *nutrition talks* għal pubblikuba13.

13. Mingħand Albert fejn bagħatu kwotazzjonijiet għal CCTV cameras.

14. Minghand Ms Grech Galea fejn bagħatet tiringrazzja lill-Kunsill talli użaw Ġnien il-Kunsill għalk-attivita' organizzata minn naħa tagħhom.

15. Mingħandand is-Sur Mifsud, fen infuroma li nieda ktieb għal bejgħ.

16. Mingħand Printwell Ltd; PPL Malta u Print Right dwar kwotazzjoni għal stampar ta' *stickers,* fejn ġiet magħżula dik ta' Printwell Ltd. peress li hija l-irħas kwotazzjoni.

17. Mingħand il-MEUSAC dwar konferenza fuq l-Edukazzjoni u Xogħol li ser isir fis-7 ta' Novembru, 2013, ġewwa l-Furjana.
Infurmaw ukoll li ser isir konsultazzjoni oħra fit-22 t'Ottubru, 2013, dwar kif jistgħu jitnaqssu l-emisjsonijiet mis-*Shipping Industry*.

18. Mir-Reġjun Nofsinhar fejn bagħatu l-Minuti tal-laqgħa Nru. 46ħtau ħ.

19. Il-Gazzetta tal-Gvern ħarġa Nru. 19,154.

20. Mingħand is-Sinjura Spiteri fejn tablet sabiex isir bankina fi Triq St.Marija. Il-Kunsill qabel li din il-bankina ghanda tigi irrangata.

ĦAL GĦAXAQ

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) E-mail lid-Dipartiment tal-Artijiet, fejn tlabna informazzjoni dwar biċċa art li tinsab f'Dawret ħal Għaxaq k/m Triq id-Dejl ma Triq il-Miksur , fejn qalulna li hemm parti li diġa' hija tal-Gvern u l-parti l-oħra qeda fil-proċess biex isir.

b) Avviż lir-residenti dwar il-ġbir tal-iskart.

**3. <u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ottubru 2013, li kienu jammontaw għal €113.27. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€113.27 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Agius.

b. ***Skeda ta' Ħlas Ottubru 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2013 u li jammontaw għal €14,071.13. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament

**4. <u>Ambaxxatur tal-Kunsill</u>**

Is-Sindku qal li l-Kunsill gie mitlub jinnomina jew isib xi hadd interessat li jkun Ambaxxatur tal-Kunsill. Hu qal li sal-laqgha li jmiss il-Kunsill irid ikun sab lil xi persuna bejn is-16 u it-18 il-sena li tkun interessata li ssir Ambaxxatur jew Ambaxxatrici tal-Kunsill.

5. **<u>Attivitajiet tal-Milied</u>**

Is-Segretarju qalet li wasal iz-zmien li jingabru offerti ghat-tizjin tal-Milied. Il-Kunsill qabel li tohrog sejha ghall-offerti biex isir tizjin kif sar is-sena precedenti.

Is-Sinjura Schembri qalet li l-Kunsill jista jorganizza xi attivitajiet fosthom *Christmas Market* fil-15 ta' Dicembru, *Carol Singing u* zfin fil-pjazza. Qalet ukoll li tixtieq torganizza Mini Concert.

ĦAL GĦAXAQ

Il-Vici Sidku qal li jistghu isiru xi attivitajiet il-Hadd filghodu fil-pjazza tar-rahal.

Saret diskussjoni dwar meta jista jsir ir-riceviment tal-Kunsill u party jew harga ghat-tfal fit-23 ta' Dicembru. Issemmiet ukoll l-ikla ta' l-anzjani.

Il-Kunsill qabel dwar dak li ntqal izda qal ukoll li l-ahjar naraw meta se jkunu l-attivitajiet tal-kazini, tal-MUSEUM u tal-Kappillan.

6. **<u>EU Funds</u>**

Is-Sindku qal li harget Mizura tal-GAL u xtaq li japplika. Hu qal li jixtieq li jnadddaf ix-xaghri, jghamel xi patching, bankijiet u li jkun hemm bzonn. Qal ukoll li se jkun hemm il-htiega li jintuza xi makkinarju kbir bhal gaffa etc.

Is-Sindku kompla jghid li minn din il-Mizura l-Kunsill jista' jibbenefika minn €15,000. Ma dawn il-flus il-Kunsill ikun irid izied €6,000.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni u qabel li s-Sidku japplika ghal din il-Mizura.

7. **<u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Is-Sinjura Schembri qalet li ser isiru zewg korsijiet taz-Zumba u tal-Fitness. Qalet ukoll li tixtieq torganizza flimkien mal-Kunsilliera Agius harga ghal Bird Park u l-Imdina.  Il-Kunsill qabel. Dwar dawn il-korsijiet

saret diskussjoni biex in-nies li jkunu se jattendu jigu jhallsu ghal dawn il-korsijiet il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sinjura Agius qalet li meta johrog it-tender tal-knis naraw li fih ikun hemm imnizzel li min jiehu it-tender jiehu hsieb inehhi il-haxix ta' that il-bankini, flimkien ma dan il-Vici Sindku qal li ikun hemm ukoll li kull nhar ta' Sibt jinkines iz-Zuntier. Is-Sindku qal li z-zuntier diga qieghed fil-lista li jrid jinkines kuljum. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Shembri qalet li hemm il-htiega li ssir mera fi Triq il-Gewwinijja. Il-Kunsill qabel

4. Is-Sinjura Schembri qalet ukoll li hemm il-htiega li ssir *sleeping police* fejn ta' l-Andar. Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra lil Transport Malta dwar dan.

ĦAL GĦAXAQ

5. Is-Sindku qal li se jgib kwotazzjonijiet biex jinfethu il-Culverts li hemm fi Triq il-Hannieqa.

Il-Vici Sindku qal li dawn mhux mizdudin izda iridu biss jinfethu sewwa.

6. Is-Sur Vassallo qal li hemm zewg bozza Triq Dun. Marcel Mallia c/w Triq il-Gudja u fi Triq is-Salib kien hemm xi zewg boroz bli skart biex jingabru. Qal ukoll li Triq in-Nigem hemm hafna haxix li jrid jitnehha u Triq il-Hannieqa c/w Triq ir-Rebbiegha hemm xi weraq tal-palm biex jingabar ukoll. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jsiru 4 tabelli ghal hdejn il-ground tal-futbol. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sindku qal li hem il-htiega li ssir sleeping police fi Triq ta' Loretu minhabba li issa giet One Way u qed isir sewqan eccessiv. Il-Kunsill qabel li tinbghat ittra lil-Tranposrt Malta.

9. Il-Vici Sindku qal li jekk isiru il-bins jehtieg li jitpoggew tal-Millieri bins fejn jintefgha il-hmieg tal-klieb mis-sidien taghhom. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jinxtraw stickers biex jitwahhlu bhala tabelli minhabba il-hmieg tal-klieb. Il-Kunsill qabel.

**Aġġornament**

Is-Sindku fid-9.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fis-7.30pm

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

Ikkonfermati:- it-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 fis-7.30pm